MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Numru 307/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**Brian Grima ta' 32 sena iben Joseph u Carmen nee` Ellul, imwieled Pieta fid-9 ta' Marzu 1972 residenti 'Harmony' Flt 3, Triq il-Kitarrista, Birzebbugia detentur tal-karta ta' l-identita nru 184972M**

**Illum 5 ta' Ottubru, 2005**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra Brian Grima u cioe talli nhar il-5 ta' Dicembru 2004 ghal-habta ta' 03.45 hrs fi Triq l-Izbark tat-Tork B'Bugia volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vettura tal-marka Renault Cleo bin-numru ta' registrazzjoni DAV913 liema hsara hija izjed minn hamsin

lira izda mhux aktar minn Lm500 ghad-dannu ta’ Joseph Deguara minn Birzebbugia bi ksur tal-art 325(1)(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-publiku b’ghajjat u glied u dagha fil-publiku, bi ksur tal-art 338 (dd) u art 339 (e) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, b’dan pero li fi stadju ulterjuri wara li giet korretta l-akkuza u rega sar id-debite interrogatorju l-akkuzat din id-darba rregistra ammissjoni.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali  u cioe`:-

- 325(1)(b), 338(dd), 339(1)(e), 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi barra l-ammissjoni registrata, jigi relevant illi l-avukat difensur sahaq illi fil-fatt ma kienux jirrizultaw l-akkuzi addebitati taht l-artikoli 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ malta. Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi Grima kisser hgieg ta’ karozza u ghalhekk zgur li storbju ghamel, oltre minn hekk stieden lil Deguara ghal glied.

Ghaldaqstant qed issibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 325, 338, 339 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-Fedina penali ta’ l-akkuza li hija ghal kollox netta.

Qeghda ghalhekk tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mill-lum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------